# MIN FEJN ĠEJ L-ISEM NAXXAR

In-Naxxar hu wieħed mill-eqdem irħula ta' Malta. Ara kemm hu hekk li, fost l-ewwel għaxar parroċċi li saru għall-Maltin, fis-sena 1436, mill-isqof Mons. Senatore De Mello, hu msemmi l-ewwel waħda. Imma mhux fuq dan irridu nitkellmu, iżda fuq l-isem tiegħu, li ħabbel bosta mħuħ ta' għorrief u mhux għorrief. L-isem ta' dan ir-raħal hu wieħed minn dawk li jieħdu l-artiklu, hekk: in-Naxxar. Ma' l-ewwel daqqa ta' għajn, jidher li hu magħmul mill-verb *naxar*, u jfisser dak li jonxor, bħal ma żabbar ifisser dak li jiżbor. Għalhekk bosta nies għadhom igħidu, sal-lum, li dan ir-raħal issemma' hekk, għaliex San Pawl, meta ġiè Malti, il-ħwejjeġ tiegħu, imxarrbin bil-baħar u bix-xita, marru naxruhom hemmhekk. Tassew li din ħaġa tal-għaġeb. Għax minn San Pawl il-baħar, fejn l-Appostlu ra' l-għarqa, san-Naxxar hemm ġibda ġmielha, u biex jonxru il-ħwejjeġ, ma kienx hemm għalfejn jagħmlu din il-mixja kollha, l-aktar li San Pawl, hemm xemx biż-żejjed, araw kemm li l-kiegħ tad-daħla jissejjaħ ix-Xemxija! Mela din il-ħaġa mhijiex ħlief ħrafa, maqlugħa minn moħħ in-nies!

Inqas jista' jkun li l-isem ta' Naxxar ġejj minn *naxar*. Dan il-verb ifisser, jew tperreċ il-ħwejjeġ biex jinxfu mill-indewwa, jew tofroq l-injam, kif ingħidu l-lum, b'kelma barranija, *tisserra*. Issa meta x'imkien jissemma', jissemma' għal xi ħaġa li tkun fih

biss. Imma l-ħwejjeġ jonxruhom kullimkien u mhux in-Naxxar biss, imma mad-dinja kollha, mela ma satax issemma' għalhekk. Iżjed, qatt ma nafu li l-inħawi ta' dan ir-raħal kienu magħrufin għax fihom kienu jonxru, jew jisserraw, l-injam, l-aktar li Malta ma nafux li kien hawn siġar kbar, u meta ġew il-Kavalieri, il-Maltin ma kenitx issajjar bil-ħatab, iżda b'ħaġ'oħra. Mela n-nisel ta' dan l-isem jeħtieġ infittxuh band'oħra.

Aħna nafu li dan ir-raħal qadim kien l-eqreb lejn San Pawl il-Baħar, u mela kienu l-ewwel nies ta' Malta li semgħu l-kelma tal-Appostlu u ħaddnu d-dîn nisrani. Issa aħna nafu li, fost in-nies tal-Ivant, meta l-insara ħadu isem, ma ħaduhx minn Kristu, u jissejjħu Kristjani, imma ħadu l-isem mill-belt fejn Kristu kien trabba', Nazaret, u jissejjħu Nażarei, Nażrin, kif aħna u l-Għarab għadna nsejjħulhom: *insara*. Mela, imħabba l-ġrajja li rajna, aktar nemmnu li l-isem Naxxar ġej minn nisel wieħed bħal insara; għaliex l-ittri *ż*, *s* u *x* malajr jinbidlu bejniethom. Ftit il-bogħod mir-raħal, fejn jintemm irdum li jati għal majjistral ta' Malta, hemm knisja żgħira, imsejjħa ta' S. Pawl tat-tarġa. Tarġa tfisser taraġ, u tfisser ukoll lok għali, qisu tarġa kbira. Għandna minn fomm in-nies, li meta San Pawl ippriedka minn Malta u semgħuh Għawdex, kien qiegħed sewwa sew jippriedka minn hawn. Dan iwettaq it-tifsira tal-kelma Naxxar li tajna. Ta' din il-fehma kien ukoll il-għaref tabib malti Nikol Zammit, li meta għamel kitba għar-rħula kollha ta' Malta, lin-Naxxar għamillu kelmtejn biss, imma li jfissru bosta: *Prior Credidi*, li bil-malti jfissru: l-ewwel li emmint. Ta' din il-fehma kien ukoll Annibale Preca, Patri Magri, u bosta oħrajn. Toħroġ għaġeb, saħansitra l-għamla tar-raħal donnha twettaq din it-tifsira. Min iħares lejn il-mappa ta' Malta, malajr jintebaħ li n-Naxxar għandu għamla ta' Salib, u l-biċċa ta' fuq tas-salib magħmula mil-knisja l-kbira. Mela l-isem Naxxar hu ta' min igħożżu wisq, għax ifakkarna fl-ewwel nies ta' Malta li ħaddnu t-twemmin ta' Ġesù.

Naħseb li l-karrejja malajr intebħu li jiena ktibt dawn il-kelmtejn, għall-imħabba li nħobb ir-raħal fejn qattajt tfuliti!

Dun Pietru Pawl Grima.